**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta 22 ta' Settembru 2015**

**Rikors Guramentat numru:- 25/2012JVC**

**Joseph Micallef**

**Vs**

**A & M Printing Ltd**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat ta' Joseph Micallef fejn ippremetta:

Dikjarazzjoni tal-Oggett tal-Kawza

1. Permezz ta' decizjoni datata 23 ta' Novembru 2010 fl-ismijiet A. & M. Printing Limited (C5045) vs Joseph Micallef u JM Trading Agency Limited (talba numru 692/2010), it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ikkundanna, *inter alia*, lill-attur odjern, ihallas lis-socjeta' konvenuta s-somma ta' €2329.37, bl-imghaxijiet skont il-Ligi u bl-ispejjez (Dok. 'A').

2. Is-socjeta' konvenuta segwiet din id-decizjoni b'mandat ta' sekwestru mahrug mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-31 ta' Jannar 2011 (riferenza numru 244/2011); is-socjeta' sekwestratarja HSBC Bank Malta plc ipprocediet ghad-depozitu taht l-awtorita'

tal-Qorti ta' fondi appartenenti lill-attur kif tenuta li taghmel skont il-Ligi; dan permezz ta' cedola ta' depozitu ipprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-21 ta' Frar 2011 (riferenza numru 387/2011). Is-somma depozitata kienet dik ta' €2,788,02 (Dok 'B' u Dok 'C').

3. Sussegwentement, permezz ta' rikors datat 4 ta' Marzu 2011, is-socjeta' konvenuta talbet l-awtorizzazzjoni ghall-izbank fl-ammont ta' €2,692.59 kif depozitati; permezz ta' digriet, il-Qorti tal-Magistrati (Malta), ordnat lis-socjeta' konvenuta tinnotifika lill-attur b'jumejn zmien ghar-risposta. L-attur baqa' qatt ma gie notifikat b'dan ir-rikors (Dok 'D'). Minkejja din l-ordni tal-Qorti, is-socjeta' konvenuta minflok, intavolat rikors iehor (datat 19 t'April 2011) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema rikors gie milqugh minghajr notifika lill-attur permezz ta' digriet datat 20 t'April 2011 (Dok'E').

4. Dawn il-fatti graw ad insaputa tal-attur, u gew a konjizzjoni tieghu biss wara illi sehhew, u dan permezz ta' zewg ittri mibghuta lilu mill-bank precitat u minn socjeta' illi tipprovdi taghrif dwar krediti, rispettivament datati 2 u 8 ta' Frar 2011 (Dok 'F' u Dok 'G') u kif ukoll minn tfittxijiet illi ghamel l-attur u precedentement ghar-rikors guramentat odjern.

5. Kif jirrizulta mill-atti processwali tat-talba quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar, l-attur gie meqjus notifikat ai termini tal-Artikolu 187 (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligiijiet ta' Malta. Jidher mill-istess atti illi n-notifika tal-attur odjern dejjem kienet qeghdha tipprova ssir f'indirizz gewwa l-Gzira allura l-Imsida, l-indirizz fejn fil-fatt twettqet ukoll il-procedura tal-affissjoni.

6. Kif jirrizulta ukoll mid-decizjoni su citata, it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ipproceda ghad-decizjoni tieghu wara illi ha konjizzjoni tal-procedura kontemplata fl-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u wara illi ha konjizzjoni tal-fatt illi l-attur odjern kien regolarment notifikat.

7. L-attur jirrisjedi fil-fond "'Highrise', Flat7, Triq l-Imgiebah, San Pawl il-Bahar" u ilu hemm jirrisjedi ghal dawn l-ahhar tnax (12)-il sena. (Dok 'H' u Dok 'I').

8. L-artikolu 187 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jirrikjedi illi notifika ssir bil-kunsinna tal-att gudizzjarju fil-lok fejn persuna tkun toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali tal-istess. L-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta inoltre jirrikjedi illi kemm-il darba post ta' residenza ta' persuna jkun maghruf, l-att gudizzjarju ghandu jitwahhal mal-bieb ta' dik ir-residenza. Huwa ghaldaqstant car u inekwivoku illi n-notifika mwettqa permezz tal-procedura tal-affissjoni mis-socjeta' konvenuta fil-kawza quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar hija wahda rregolari.

9. It-twettieq skont il-Ligi tan-notifika tal-kawza quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar setghet saret kieku s-socjeta' konvenuta hadet il-briga li tikkonsulta dokumenti pubblici. L-attur, minflok, gie allegatament notifikat f'post li la kien jabita fih u lanqas ma kien il-post tax-xoghol tieghu.

10. L-ghemil tas-socjeta' konvenuta u n-nuqqas taghha illi thares u twettaq htigijiet proceduralі mandatorji, wassal ghall-irregolarita' hawn fuq imsemmija, u bhala konsegwenza l-attur ma nghatax l-opportunita' illi jiddefendi l-kaz tieghu; dan b'nuqqas ta' tharis tal-principji tal-gustizzja naturali u fondamentali ghal smiegh xieraq.

11. Permezz ta' rikors guramentat datat 25 ta' April 2011 fl-istess ismijiet, ir-rikorrenti stitwixxa proceduri fil-Qorti Civili, Prim'Awla fuq l-istess mertu odjern (rikors guramentat numru 401/2011). Permezz ta' sentenza datata 16 ta' Novembru 2011, il-Qorti Civili, Prim'Awla qatghet u ddecidiet illi l-Qorti kompetenti biex tisma' l-vertenza odjerna hija din l-Onorabbli Qorti.

12. Joseph Micallef (K.I. nru. 0436750(M)), jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

<u>Raguni tat-Talba</u>

1. Ghalhekk, fid-determinazzjoni tad-drittijiet civili tal-kontendenti mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fil-kawza su citata, l-attur ma

nghatax l-opportunita' illi jiddefendi l-kaz tieghu stante illi ma kienx regolarment notifikat.

2. Ghalhekk, peress illi din l-Onorabbli Qorti ghandha l-gurisdizzjoni illi tissindika l-operat tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fil-kazijiet preskritti mil-Ligi u stabbiliti mil-gurisprudenza, kellhom jigu istitwiti dawn il-proceduri.

Illi talbet li dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 23 ta' Novembru 2010 (talba numru 692/2010), fl-ismijiet A & M Printing Limited (C5045) vs Joseph Micallef u JM Trading Agency Limited nulla, invalida u minghajr effett u dan ghar-ragunijiet premessi;

2. Tordna konsegwentement lill-konvenuti sabiex jirrifondu lill-attur is-somma ta' elfejn sitt mija tnejn u disghin Euro u disgha u hamsin centezmu (€2,692.59), ammont minnhom zbankat permezz tar-rikors datat 19 t'April 2011 in atti tac-cedola ta' depozitu numru 387/11 flimkien ma hamsa u disghin Euro u tlieta u erbghin centezmu (€95.43) spejjez tal-istess zbank.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta, li tinsab minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' A & M Printing Limited li eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament, l-esponenti teccepixxi l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti in kwantu hija m'ghandhiex l-awtorita' li tissindika decizjonijiet tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar;

2. Illi fit-tieni lok u preliminarjament ukoll, din l-azzjoni ma tinkwadra ruhha taht l-ebda disposizzjoni misjuba fil-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta. In fatti, l-uniku rimedju misjub fl-istess Kapitolu huwa dritt ta' appell fi zmien ghoxrin jum mid-data tas-sentenza moghtija mit-Tribunal u fl-ebda hin ma hemm accennat li tista' tittiehed l-azzjoni odjerna hekk kif proposta mill-attur. Ghalhekk, din l-azzjoni ghandha tigi michuda;

3. Illi fit-tielet lok u preliminarjament ukoll, din l-azzjoni ma tistax tirnexxi u dana stante li f'din l-azzjoni ma gewx mharrka fil-kawza l-kontendenti kollha li kienu nvoluti fil-kawza bin-numru 692/2010 fl-ismijiet A & M Printing Limited (C5045) vs Joseph Micallef u JM Trading Agency Limited;

4. Illi fil-mertu, it-talbiet attrici huma fi kwalunkwe kaz infondati fid-dritt u fil-fatt;

5. Illi d-decizjoni fl-ismijiet "A & M Printing Limited vs Joseph Micallef u JM Trading Agency Limited" tat-23 ta' Novembru 2010 (Talba 692/2010) m'hijiex nulla, invalida u minghajr ebda effett legali;

6. Illi b'mod partikulari b'riferenza ghar-ragunijiet ghaliex qed jigi allegat li d-decizjoni msemmija hija nulla, invalida u minghajr effett legali, huwa sottomess li l-esponenti hija nfurmata li kuntrarjament ghal dak allegat f'din il-kawza, ir-rikorrenti Joseph Micallef verament jghix fl-indirizz "Joanne", Tower Gate Street, Imsida, Malta, fejn l-istess esponenti ppruvat tinnotifikah personalment. Ghaldaqstant, l-affissjoni kontestata f'din il-kawza kienet verament regolari;

7. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa sottomess li fi kwalunkwe kaz in-notifika lill-intimati fl-atti ta' l-avviz fuq imsemmi ma saritx biss bil-procedura ta' l-affissjoni izda saret ukoll bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta a tenur ta' l-artikolu 187 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema notifika ghandha titqies bhala fi kwalunkwe kaz valida;

8. Konsegwentement, jirrizulta li d-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fuq imsemmija kienet valida u regolari, bil-konsegwenza li t-talbiet kollha ta' l-attrici ghandhom jigu michuda.

9. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ix-xhieda, kontro-ezamijiet u dokumenti kollha prodotti;

Rat li permezz ta' decizjoni preliminari datata 15 ta' Frar, 2013 (esebita a fol. 65 tal-process) din il-Qorti diversament preseduta cahdet l-ewwel u t-tieni ecezzjoni tas-Socjeta' konvenuta kif isegwi:

Kwindi li darba m'hemmx id-dritt ta' ritrattazzjoni, il-Qrati ordinarji jibqalhom gurisdizzjoni li jissindikaw l-operat tat-Tribunal biex ikun accertat li d-decizjoni li nghatat ma tkunx marret *ultre vires* jew kontra r-regoli ta' gustizzja naturali jew tkun kontra xi ligi miktuba.

Fil-kaz in dizamina l-allegazzjoni hija li ma saritx notifika valida w allura certament ma setax isir appell fit-terminu ghaliex il-parti ma kinitx taf bil-proceduri. S'intendi jekk din l-allegazzjoni hijiex fondata hija kwistjoni ohra u l-Qorti taghmilha cara li dawn il-proceduri ma jistghux jittrasformaw ruhhom f'xi forma ta' appell izda jridu jkunu limitati sabiex jigi nvestigat l-ilment ta' l-attur li kien hemm ksur tal-principji ta' gustizzja naturali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez ta' dan l-incident a karigu tas-socjeta' konvenuta.'

Rat illi fil-verbal tat-22 ta' April, 2015 l-partijiet qablu li l-kawza setghet tmur ghad-decizjoni ghal-lum b'dana li kull parti nghatat l-opportunita' lil taghmel is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-Socjeta' konvenuta;

Rat l-atti kollha.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

**Il-fatti:**

Illi fil-qosor il-fatti li wasslu ghall-vertenza odjerna huma s-segwenti:

- Fis-sena 2010 is-socjeta' konvenuta fethet proceduri kontra l-attur u s-socjeta' JM Trading Agency Limited fit-Tribunal Ghal Talbiet iz-Zghar;

- Is-socjeta' konvenuta tinsisti li l-procedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni fil-gazzetti ghan-notifika tal-attur u s-socjeta' JM Trading Agency Limited kienet wahda valida;

- Id-decizjoni mit-Tribunal Ghal Talbiet iz-Zghar inghatat nhar it-23 ta' Novembru 2010 fejn is-Socjeta' konvenuta giet kanonizzata kreditirici ta' l-attur u s-Socjeta' JM Trading Agency Limited ghas-somma ndikata, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez, ma sar ebda appell minn dik id-decizjoni;

- Sussegwentement ghad-decizjoni s-Socjeta' konvenuta pprocediet biex tesegwixxi t-titolu ezekuttiv ottenut bid-decizjoni u dan tramite mandat ta' sekwestru ezekuttiv. Konsegwenti ghal dan il-mandat gie depozitat l-ammont mitlub u dan l-ammont gie zbankat mis-Socjeta' konvenuta.

- L-attur isosnti li kien fil-mument li sar il-mandat li huwa sar jaf ghall-ewwel darba bil-kawza quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar u d-decizjoni kontra tieghu u s-Socjeta' JM Trading Agency Limited.

- Mill-atti jirrizulta li mhux kontestat li s-Socjeta' JM Trading Agency Limited kienet giet 'struck-off' mir-Registru tal-Kumpaniji b'effett mis-6 ta' Mejju, 2009 u cioe' qabel ma giet isititwita l-kawza mis-Socjeta' konvenuta kontra l-attur u l-kumpanija JM Trading Agency Limited fis-sena 2010 (fol. 147).

<u>**It-tielet eccezzjoni**</u>

Illi kif gia nghad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni mqajma mis-Socjeta' konvenuta llum huma sorvolati. Qabel izda ma din il-Qorti tidhol fil-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet hemm ukoll it-tielet eccezzjoni li hija wkoll ta' natura preliminari li jehtieg li tigi sorvolata. Din l-eccezzjoni taqra kif isegwi:

'Illi fit-tielet lok u preliminarjament ukoll, din l-azzjoni ma tistax tirnexxi u dana stante li f'din l-azzjoni ma gewx imharrka fil-kawza l-kontendenti kollha li kienu nvoluti fil-kawza bin-numru 692/2010 fl-ismijiet A & M Printing Limited (C5045) vs Joseph Micallef u JM Trading Agency Limited;'

Kif gia accennat aktar 'il fuq jirrizulta lil din il-Qorti mill-atti processwali b'mod partikolari l-atti a fol. 147 tal-process esebiti mix-xhud rapprezentant tal-MFSA Dr. Carmelo Galea (xhieda a fol. 163 et seq) illi l-Kumpanija J.M. Trading Agency Limited bin-numru ta' registrazzjoni C 5718 giet maqtugha mir-Registru tal-Kumpanija b'effett mis-6 ta' Mejju, 2009. Ai termini tal-artikolu 275 (1) tal-Att dwar il-Kumpaniji din l-informazzjoni tkun giet ippubblikata mir-Registratur mill-anqas tliet xhur qabel isem il-Kumpanija jigi maqtugh mil-lista tal-Kumpaniji u ghalhekk din l-informazzjoni hija wahda ta' dominju pubbliku. Tant hu hekk li l-artikolu 275 jipprovdi ulterjorment rimedju lil terzi li ghal xi raguni jkunu jridu jopponu ghat-thassir tal-Kumpanija liema rimedju ghandu terminu ta' dekadenza tal-istess tliet xhur mill-pubblikazzjoni sad-data meta isem il-Kumpanija jithassar mil-lista. Imkien fl-atti odjerni ma gie allegat jew gew prezentati xi provi li l-Kumpanija konvenuta opponiet b'xi mod ghat-thassir tal-Kumpanija.

Jirrizulta anzi mill-atti li kien ferm wara li l-Kumpanija J.M. Trading Agency Limited giet imhassra li s-socjeta' konvenuta fethet il-kawza quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet iz-Zghar cioe' nhar it-28 ta' Mejju, 2010, aktar minn sena wara, kontra l-attur u kumpanija li ma kinitx tezisti. Jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li l-izball ghamlitu s-socjeta' konvenuta odjerna li fethet kawza u otteniet decizjoni kontra kumpanija li ma kinitx tezisti u ma tistax f'dawn il-proceduri s-socjeta' konvenuta tippretendi li jieqfu dawn il-proceduri ghaliex l-attur ma ghamilx l-istess zball taghha jew li sahansitra tippretendi, fis-sottomissjonijiet taghha, li jkun ir-rikorrent li jaghmel il-procedura biex isem il-kumpanija li huwa stess ha hsieb li tigi mhassra minn fuq ir-registru tal-kumpaniji jerga' jibda jidher.

Jigi specifikat izda li dan l-argument japplika specifikatament minhabba li s-socjeta' J.M. Trading Agency Limited gia ma kinitx tezisti appuntu meta nfethet il-kawza kontra taghha konsegwentement la s-sentenza tat-Tribunal u wisq anqas id-decizjoni odjerna ma jistghu b'xi mod ikollhom effett fuq dik is-socjeta' jew jigu applikati fil-konfront taghha. L-argument legali kien ikun wiehed divers li kieku dik is-socjeta' kienet ghadha tezisti mal-bidu tal-proceduri ghaliex f'dak il-kaz in-nuqqas tal-attur odjern li jdahhal lis-socjeta' wkoll fil-proceduri odjerni kien neccessarjament ifisser in-nullita ta' dawn il-proceduri ghaliex altrimenti l-ezitu finali seta' potenzjalment ikun wiehed anomalu ghall-ahhar,

b'sentenza finali mod kontra s-socjeta' u sentenza diversa finali mod iehor fil-konfront tal-attur.

Ghaldaqstant in vista tac-cirkustanzi u l-motivi suesposti, il-Qorti tqis li ghandha tichad it-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta bhala legalment infondata bl-ispejjez stante li kieku kellha tigi milqugha kienet isservi biss sabiex ittawwal il-proceduri u zzid l-ispejjez minghajr ebda valur jew gwadann ghall-partijiet f'dawn il-proceduri.

**Il-mertu:**

Illi mill-atti fil-mertu jirrizulta li zgur sa minn April tas-sena 2009 l-attur Joseph Micallef kien indikat fir-registru elettorali li jirrisjedi fl-indirizz Flat 7, Highrise, Triq l-Imgiebah, San Pawl il-Bahar (fol.l 154 sa 157 tal-process). Jirrizulta wkoll li dan il-fond gie trasferit fuqu biss permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni bejnu u bejn martu datat 30 ta' Ottubru, 2007 (fol. 159). Skont ix-xhieda ta' l-ex mara tal-attur Anna Micallef a fol 194 et seq tal-process l-attur kien ilu sa mis-sena 2000 ma jirrisjedix fl-indirizz l-Imsida, illum il-Gzira izda San Pawl il-Bahar. Jirrizulta wkoll li l-kont tad-dawl u ilma fuq l-indirizz fil-Gzira kien ilu mill-anqas sa mill-10 ta' Mejju, 2000 isejjah lil Anna Micallef u bintha Luana Micallef ghall-fini ta' sussidju (fol. 225) izda mhux lill-attur. Huwa konfermat mill-istess attur fil-kontro-ezami tieghu li huwa effettivament bidel l-indirizz tieghu ghal dak ta' San Pawl fis-sena 2007 (kopja tal-karta tal-identita' a fol. 24 tal-process) unikament minhabba li kienet ghadha pendenti l-kawza tas-separazzjoni ma' martu ghalkemm gia kien jabita hemm (fol.170 et seq) isostni wkoll li anki mal-Bank huwa kien ilu rregistrat fl-indirizz ta' San Pawl il-Bahar mis-sena 2000.

Minn dak kollu suespost jirrizulta li sa mill-anqas mis-sena 2007 in vista tal-karta tal-identita' tal-attur kif ukoll tal-kopji tar-registru elettorali l-informazzjoni li Joseph Micallef kien jirrisjedi San Pawl il-Bahar u mhux fl-indirizz fl-Imsida kienet ta' dominju pubbliku. Nonostante dan is-socjeta' konvenuta fis-sena 2010 insistiet li tinnotifika lill-attur fl-indirizz gewwa l-Imsida minghajr ma ghamlet ebda ricerka li permezz taghha facilment setghet issib l-indirizz tal-attur fis-sena 2010. Fi kliem ix-xhud Maryanne Mercieca a fol. 238 et seq tal-process hija assumiet li l-attur kien ghadu hemm ghaliex kienet tkellem lil ibnu u lil martu izda mhux ghax qatt kelmet lilu fuq it-telephone:

'**Xhud:**

*Meta, kull darba li konna ncemplu, gieli jew id-dar jew inkella l-ufficcju tieghu fejn ghandu n-negozju, ma kienx ikun hemm hu, kienet tirrispondini jew il-mara d-dar, m'inix qed insemmi lit-tfal l-ohra li ghandu jew li kellu, jew il-mara akwantu d-dar jew it-tifel, dan l-ahhar ankwantu n-negozju li ghandu.'*

**Il-Qorti:**

*Allura int qed tassumi li la qed jiehdu hsieb dawk it-tnejn, illi jekk ircevewhom huma, tawhomlu?*

**Xhud:**

*Iva.'*

Jirrizulta izda li anki jekk se mai l-attur kien ghadu jezercita' n-negozju tieghu mill-indirizz l-iehor fl-Imsida u mhux dak fejn saret l-affissjoni, kif gia nghad aktar 'il fuq, il-kumpanija li kienet taghmel dan in-negozju giet imhassra fis-sena 2009 cioe' qabel ma nfethet il-kawza mis-Socjeta' konvenuta u ghalhekk fiz-zmien tal-kawza l-attur ma jistax jigi prezunt li kien ghadu jopera mill-indirizz tal-kumpanija jew li kien ikun prezenti f'dak l-indirizz.

Min-naha l-ohra martu, illum separati, insistiet ferm fix-xhieda taghha li hija qatt ma accettat fl-indirizz taghha ittri ta' Joseph Micallef anzi jekk kienu jhallu xi wahda l-ghada kienet taghtiha lura lill-pustier u mhux lil Joseph Micallef. Ghalhekk fic-cirkustanzi mhux daqshekk facli li wiehed jassumi li ghaliex ittra tkun intbaghtet ghand mart l-attur allura din neccessarjament waslet ghandu kif sostniet ix-xhud u kif gie sostnut fis-sottomissjonijiet tal-intimata.

Illi izda l-artikolu 187 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jimponi l-kundizzjonijiet segwenti sabiex notifika bil-pubblikazzjoni u affissjoni tkun valida:

'(3) Jekk mir-riferta tal-ufficjal inkarigat min-notifika ta' skrittura jew att gudizzjarju jinstab li l-persuna li ghandha tigi notifika bl-iskrittura jew att, ghalkemm ma tirrizultax li qeghdha barra minn Malta, id-dhul fil-post tar-residenza taghha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza

taghha ma jkunx maghruf, il-qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwahhal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinhargu fil-qosor fil-Gazzetta u f'gurnal ta' kuljum wiehed jew iktar minn wiehed skont kif il-qorti tiddeciedi u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun maghruf, billi titwahhal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza.'

*Prima facie* jirrizulta lil din il-Qorti li l-kriterji kollha neccessarji ai termini tal-artikolu 187 (3) sabiex in-notifika tkun wahda valida gew sodisfatti. Jirrizulta mill-atti a fol. 100 et seq tal-process illi kien hemm tentattivi li ma rnexxewx sabiex issir in-notifika permezz tal-posta. Konsegwentement sar ir-rikors sabiex 'il-qorti' jew ahjar f'dan il-kaz partikolari t-Tribunal, jakkorda li n-notifika ssir permezz tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni. Jirrizulta li din it-talba giet akkolta mit-Tribunal (ara fol. 113. Il-Qorti tqis li d-diskrezzjoni jekk kellhiex tigi moghtija dik l-awtorizzazzjoni sabiex issir in-notifika permezz tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni tinkombi unikament fuq ic-Chairman ta' dak it-Tribunal u mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tvarja d-diskrezzjoni ezercitata f'dak il-mument mic-Chairman tat-Tribunal li awtorizzat l-istess rikors. Finalment wara li saret il-pubblikazzjoni u l-affissjoni dak it-Tribunal kien sodisfatt li n-notifika tal-attur kienet wahda valida skont il-ligi. Il-Qorti tinnota li l-affissjoni mar-residenza m'hijiex ta' bilfors skont l-istess sub-artikolu izda f'dan il-kaz partikolari xorta wahda jirrizulta li saret. Konsegwenti ghal dak kollu legalment u ai termini tal-artikolu 187 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-attur Joseph Micallef fl-atti tat-Tribunal kien meqjus legalment notifikat. Din il-Qorti tqis li ghalkemm is-socjeta' konvenuta setghet marret oltre u ghamlet ricerka mar-registru elettorali sabiex forsi ssib indirizz aktar recenti tal-attur, jirrizulta izda li l-indirizz fejn gie notifikat kien fil-fatt l-indirizz moghti lilha mill-attur bhala l-indirizz tieghu u allura ma hemm xejn li jista' jannulla l-validita' tan-notifika permezz tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni kif saret fl-atti tat-Talba numru 692/10.

**Decizjoni**

Ghar-ragunijiet suesposti, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad it-tielet eccezzjoni tas-Socjeta' konvenuta bl-ispejjez ta' din l-eccezzjoni jigu sopportati mis-Socjeta' konvenuta;

2. Tilqa' l-bqija tal-ecezzjonijiet tas-Socjeta' konvenuta u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez rimanenti tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-attur.

(ft.) Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur